**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 ta' Ottubru 2021**

Rikors Numru: 222/21 AL

A B

vs

C B

(MR Number 1548/1990)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti tiddikjara illi l-partijiet fil-kawza de quo izzewgu nhar l-ewwel ta' Settembru, tas-sena elf, disa' mija u disghin (1.9.1990) u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied; (ara Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku datat it-tmienja (8) ta' Marzu, 1995 in atti n-Nutar Dottor Carmel Gafa'. (ara kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jghixu hajja independentement minn xulxin;

4. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin u m'ghandhom l-ebda propjeta' in komuni;

5. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' D;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti A B tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia 'D'.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fii-imien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

Illi l-esponenti ma jopponix għat-talba magħmula mir-rikorrenti martu għall-ħall taż-żwieġ tagħhom u jaqbel illi jikkonkorru l-elementi maħsuba fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettement senjalat mir-rikorrenti fit-talba tagħha b’dan illi l-ispejjez tal-istess għandhom jiġu sapportati mill-istess rikorrenti martu u dan kif jirrizulta mill-anness affidavit Dok. A.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Lulju, 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat illi ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament tieghu;

Rat ukoll l-affidavit tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Marzu, 1995;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors ġuramentat tagħha sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u u cioe' "D" u li l-intimat mhuwiex qieghed joggezzjona ghal din it-talba;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "D", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.